# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 t'April, 2019.**

**Rikors Numru 948/2018 SM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni**
**Numru Referenzjali 1477/2018 datat**
**iz-19 ta' Settembru, 2018, fl-ismijiet:**

**Maria mart Lawrence Grech**
**K.I. 6534 (G)**

**vs.**

**Edward Cassar**
**K.I. 74481 (M)**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors datat is-26 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1);

2. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Settembru, 2018, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 11);

Ikkunsidrat:

3. Illi l-intimata odjerna Maria Grech tigi omm il-mara tar-rikorrenti odjern Edward Cassar, (ara foll 1);

4. Illi l-mara tal-imsemmi Edward Cassar, (ara foll 25), - Miriam – illum hi mejta, (ara foll 26);

5. Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti jsosstni li fl-assenza ta' testment, (ara ricerki testamentarji a foll 27 u 28), u fl-assenza t'ulied, (ara foll 51), hu ghandu jiret dak kollu li halliet l-imsemmija mara tieghu, (ara foll 1);

6. Illi d-dikjarazzjoni "*in causa mortis*" relattiva tinsab esebita *in atti*, (ara foll 51);

7. Illi l-intimata odjerna intavolat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni, (ara foll 4), fejn hemmhekk ukoll sostniet li hi l-eredi tal-mejta bintha Miriam;

8.0. Illi min-naha tieghu permezz ta' Nota datata l-15 ta' Novembru, 2018, (ara foll 70), ir-rikorrenti odjern informa lill-qorti bis-segwenti:

8.1. Illi fil-kors ta' proceduri separati rigwardanti mandat t'inibizzjoni indirizzat fil-konfront tieghu, sar jaf bl-ezistenza ta' testment sigriet redatt minn martu u datat id-29 t'April, 2018, (ara foll 110);

8.2. Illi fi proceduri separati quddiem din il-qorti diversament preseduta l-istess rikorrenti odjern qieghed jipprova jimpunja u jannulla l-istess testment sigriet ta' martu indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 75);

Ikkunsidrat:

9. Illi l-istess rikorrenti odjern isosstni li r-rikors tal-intimata odjerna Maria Grech li a bazi tieghu inhareg il-mandat ta' deskrizzjoni fuq riferit, (ara paragraph numru sebgha, (7), aktar qabel), hu null u invalidu *stante* li hi mizzewga u konsegwentement, il-mandat in dizamina kellu jsir kemm minnha kif ukoll minn zewgha u mhux minnha biss kif effettivament gie pprezentat;

10. Illi *di piu`* ir-rikorrenti jsosstni li l-mobbli indikati fil-mandat ta' deskrizzjoni in dizamina, (ara foll 4), u esegwit fil-fond *Arete*, 321, Triq it-Torri, il-Mosta, huma proprjeta` tieghu jew proprjeta` li kienet akkwistata fiz-zwieg;

11. Illi in vista tas-suespost l-istess rikorrenti jsosstni li l-intimata odjerna ma kellha l-ebda interess tintavola l-mandat ta' deskrizzjoni in meritu *stante* li l-mobbilja involuta tappartjeni lilu;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi in vista tas-suespost ir-rikorrenti odjern qieghed jadixxi din il-qorti biex din:

12.1. Tirrevoka d-digriet taghha li permezz tieghu akkordat it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Deskrizzjoni in dizamina;

12.2. Tordna lill-intimata odjerna tipprezenta certifikat psikjatriku li jiccertifika li hi kienet kapaci taghmel l-att gudizzjarju li permezz tieghu kienet talbet il-hrug tal-mandat ta' deskrizzjoni in dizamina;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi *stante* li r-rikorrenti jallega li l-intimata odjerna hi mizzewga u ghalhekk ma setghetx tagixxi **wahedha** meta intavolat il-mandat ta' Deskrizzjoni in dizamina, jigi sottolineat sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi l-istess intimat ghalhekk isosstni li minhabba l-istat ta' zwieg taghha, l-istess intimata odjerna kienet statutorjament obbligata tagixxi in komunjoni ma zewgha;

13.2. Illi jigi osservat li fir-rikors taghha ghall-hrug tal-Mandat ta' Deskrizzjoni l-intimata odjerna hi deskritta bhala eredi tal-mejta bintha Miriam Grech;

13.3. Illi jirrizulta wkoll li l-imsemmija defunta Miriam Grech kienet ghamlet testment sigriet – liema testment l-intimat odjern Edward Cassar qieghed jipprova jimpunja fi proceduri separati;

13.4. Illi mill-istess testment sigriet tal-imsemmija Miriam Grech jirrizulta li l-intimata odjerna Maria Grech – omm l-istess testatrici – hi espressament indikata bhala **eredi tal-istess Miriam Grech** ghall-affarijiet hemm specifikati u dan – bhala **eredi wehedha** u mhux flimkien ma zewgha;

13.5. Illi in vista tal-premess, it-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ghandha tigi respinta *stante* li m'hemm xejn irregolari fil-fatt li hi l-intimata odjerna wehedha, kif tenut, li ghamlet it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Deskrizzjoni *de quo*;

13.6. Illi l-fatt ghalhekk, li l-istess intimata odjerna agixxiet wehedha fir-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Deskrizzjoni, hu proceduralment san *stante* li hi biss kienet kanonizzata bhala werrieta odjerna allura m'ghandux jiffigura f'dan ir-rigward;

13.7. Illi in vista tal-premess din it-talba tar-rikorrenti odjern ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti odjern li l-oggetti inkluzi fil-mandat ta' deskrizzjoni huma oggetti li effettivament jappartjenu lill-istess rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi minn ezami tat-testment sigriet tad-defunta Miriam Grech jirrizulta li l-mobbli thallew b'wirt lir-rikorrenti bl-eskluzjoni tal-oggetti msemmija fir-raba' (4) artiklu tat-testment li thallew lill-intimata;

14.2. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll stabbilit mill-istess testment sigriet in dizamina li salv ghal dak indikat fl-artiklu hamsa (5) tieghu, l-intimata giet espressament nominata eredi universali tal-imsemmija Miriam Grech;

14.3. Illi in vista tal-premess gialadarba l-intimata odjerna kienet dikjarata eredi tal-mejta Miriam Grech, ma jistax jinghad – kif qed isosstni r-rikorrenti odjern – li l-intimata odjerna m'ghandiex interess tagixxi kif agixxiet meta talbet ghall-hrug tal-mandat ta' deskrizzjoni in dizamina;

14.4. Illi in vista tal-premess, anke din it-talba tar-rikorrenti odjern ghandha tigi respinta *stante* li la l-intimata odjerna hi eredi tal-oggetti specifikati fl-imsemmi testment sigriet, allura l-mobbli u mobbilja imsemmija fil-Mandat ta' Deskrizzjoni in dizamina kif esegwit fil-fond *Arete*, 321, Triq it-Torri, l-Mosta, huma effettivament proprjeta` tal-intimata in dizamina u mhux tar-rikorrenti odjern kif qieghed jallega;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi r-rikorrenti qieghed ukoll jitlob li l-qorti odjerna tordna lill-intimata odjerna biex tipprezenta certifikat psikjatriku biex jigi ossodat li hi kienet mentalment "*capax*" u ghalhekk lucida bizzejjed biex tkun tista' tintroduci u tippersegwixxi l-atti gudizzjarji in dizamina u f'dan ir-rigward jigi sottolineat sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi hu pacifiku li l-kapacita` li wiehed jaghmel atti gudizzjarji – bhal fil-kaz odjern li jigi intavolat rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Deskrizzjoni – hi prezunta, salv jekk ma jintweriex mod iehor;

15.2. Illi minkejja l-allegazzjoni tieghu f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti odjern ma ressaq l-ebda raguni jew prova li

permezz taghha jinduci lill-qort tiddubita mill-kapacita` mentali tal-intimata;

15.3. Illi di piu` minn ezami tal-atti kollha pprezentati fil-procedura ma jirrizulta li hemm xejn irragonevoli fit-talba tal-intimata odjerna ghall-hrug tal-Mandat ta' Deskrizzjoni in dizamina;

15.4. Illi in vista tal-premess, anke din it-talba tar-rikorrenti odjern ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti odjern ipprova t-talbiet tieghu, u konsegwentement:

16.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti odjern;

16.2. Takkolji r-risposti tal-intimata odjerna;

16.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**